# Il-Ħolma tal-Lewża

Emmanuel Attard Cassar

Lin-neputi tiegħi Daniel kont ili nipprova ngħallmu li d-dinja hi aktar ħażina milli jaħseb hu.

Ma riedx jemmen li kien veru dak li kien qed jingħad fuq il-midja f'dawn l-aħħar jiem li t-tim barrani favorit tiegħu kien involut f'inċidenti ta' tixħim. Il-kowċ? L-aħjar erba' plejers tat-tim? U ejja, kif jista' jkun?

Għalhekk qtajtha li ngħidlu storja.

Ħallejtha għall-Ħadd waranofsinhar fil-ħin li ommu (binti), missieru u oħtu flimkien mal-mara tiegħi jmorru mixja żgħira sal-pjazza u jieħdu kafè flimkien filwaqt li jħallu lilna t-tnejn, l-iffissati fil-futbol, kif kienu spiss jgħidulna, id-dar ħalli naraw il-logħbiet li jkun hemm f'dak il-ħin.

Meta konna weħidna jien tlabt lil Daniel jitla' fuq miegħi u wrejtu pittura li kellna fil-kurutur.

"Taf min pinġieha dik?" staqsejtu.

"Nimmaġina Samuel Camilleri," qalli u jien għedtlu li kien qed jgħid tajjeb.

"Għaliex qed tistaqsini?" qalli.

"Imbagħad ngħidlek," weġibtu, "imma mhux għalissa."

Erġajna nżilna isfel u poġġejna fuq is-sufan quddiem it-televixin.

"Daniel," għedtlu, "illum jekk trid ngħidlek storja."

Qalli iva u jiena bdejt.

"Inti ġieli smajt bil-Lewża hux hekk?" staqsejtu.

"Iva," qalli. "Il-famuż Lewża għadhom isemmuh sal-lum."

"Avolja għaddew mal-ħamsin sena," għedtlu. "Hu kien fil-klassi tiegħi kemm fil-primarja kif ukoll il-Mużew. Twelidna t-tnejn fl-1945."

Komplejt: "Il-Lewża minn dejjem kien tajjeb ħafna bħala plejer. Minn dejjem kien jiskorja ħafna gowls. U minn dejjem kellu ħolma – dik li jilgħab mat-tim tar-raħal. Biex ngħidlek is-sewwa din kienet ħolma ta' kull wieħed minna. Imma ftit biss minna kienu tajbin biżżejjed biex jaqbdu l-karriera tal-futbol u ħadd ma kien tajjeb daqs il-Lewża."

Daniel qatagħli kliemi. "Isma', għaliex issejjaħlu bil-laqam? Għaliex mhux b'ismu proprju?" staqsieni.

"Hekk nafuh, kważi minn dejjem. Ma ngħidulux hekk biex ngħajruh. Dal-laqam kien ingħatalu meta kien għadu żgħir ħafna. Meta kellu xi tliet snin kien id-dar u oħtu l-kbira kienet qed tiekol xi lewż. Kien għad baqgħalha l-aħħar waħda fuq il-mejda meta għajtitilha ommha u marret tara xi trid. Meta ġiet lura l-aħħar lewża ma sabithiex. Waħħlet f'ħuha u bdiet tgħidlu:

"Lewża, int ħadtli l-lewża."

U meta kien jimxi kienet tgħidlu:

"Ara l-lewża miexja għax qiegħda ġo żaqqek."

"Semgħuha xi tfal u bdew jgħajtulu Lewża. U baqa' magħruf hekk. Hu jismu Mark imma kważi ħadd ma jgħajjatlu b'ismu lanqas illum."

"Ma naqbilx mal-laqmijiet," qalli Daniel.

"Il-Lewża kellu qalbu tajba. Kien kwiet u ftit ftit f'qalbu bdiet titrabba xewqa oħra – ix-xewqa li jkun twajjeb, li jgħallem, li jipprietka, li jkun viċin tal-batut. Twaħħdet ma' moħħu s-sentenza ta' San Duminku Savio li tant kienu jirrepetulna l-Mużew 'Mewt iva, dnub le'. "

"Kien idealista l-Lewża," qalli Daniel, "bħali."

"Iva," weġibtu jien, "kien idealista. Bħalek."

"Ta' erbatax-il sena l-Lewża ġie avviċinat biex jilgħab mal-*Under-16* tar-raħal. Qalbu xegħlet bil-ferħ. Kienet qed isseħħ il-ħolma tiegħu. Kienet qed isseħħ għalih il-ħolma ta' kull tifel fir-raħal. Imma ..."

Waqaft ftit.

"Fi ftit ġranet sar jaf li ma setax jilgħab mal-U-16 u jibqa' fil-Mużew. Ir-regolamenti tal-Mużew ma kinux jippermettu li hu jkun imsieħeb ma' klabb u jilgħab ma' tim. Kellu deċiżjoni x'jieħu. Jew it-tim jew il-Mużew. Il-Lewża dam jaħsibha xi jumejn. Imbagħad għażel. Il-Mużew."

"Imma l-Lewża kien jilgħab mat-tim tar-raħal!" qalli Daniel.

"Ħallini nkompli. Il-jum li fih il-Lewża ħa d-deċiżjoni tiegħu kien is-Sibt. Dawn id-dettalji nafhom għax qalhomli hu. Ħareġ mid-dar bl-intenzjoni li jmur il-Mużew u fit-triq iltaqa' mal-kowċ tal-U-16."

"Għada fid-9.30 Lewża," qallu l-kowċ, "tinsiex."

Il-Lewża qallu: "Iva, narak."

"Xi ftit imgerfex dar mal-ewwel kantuniera u mar lura d-dar. Kien qaleb id-deċiżjoni ta' taħt fuq. Għamel tajjeb? Għamel ħażin? Lanqas hu ma kien jaf. L-għada l-Lewża lagħab għall-ewwel darba bil-flokk tar-raħal."

"Ma kinitx deċiżjoni soda li kien ħa l-ewwel darba," kważi pprotesta Daniel.

"Il-Lewża issa kien sab ambjent ieħor jistennieh – il-każin – u hawn ftit ftit beda jitgħallem is-sabiħ u l-ikrah tal-futbol. Fuq naħa kien hemm in-notorjetà, is-sbuħija tal-logħba, it-tazzi u l-unuri, u fuq in-naħa l-oħra hemm l-għira, il-kilba għall-flus u x-xiri tal-plejers.

"Il-Lewża għamel suċċess mill-ewwel. Kellu talent naturali kif jiskorja. Kien diffiċli żżommu tul 90 minuta sħaħ. F'xi ħin jew ieħor għid li kien se jiżgiċċa, imattar saqajh, jagħti xutt bid-dawra u jivvinta kull mossa jew moviment biex jitfa' l-ballun ġewwa. Ma damx wisq snin ma sab ruħu fit-tim tal-kbar.

"Mat-tim tal-kbar beda jisma' dwar il-korruzzjoni imma ma kienx ċert minnha. Hu kien baqa' twajjeb f'qalbu u sħabu kienu jafu li hu kien differenti. Kien maħbub ħafna min-nies tar-raħal għax kien twajjeb u tajjeb – twajjeb fl-għemil u tajjeb fil-logħob tal-ballun.

"Darba, waqt logħba induna li l-gowler tagħna kien mixtri. Dal-gowler laqa' xi blalen diffiċli u xi kwarta mill-bidu tal-logħba, il-Lewża semgħu jgħid lid-difensur tan-nofs:

'Meta nilgħab bin-nejk nilgħab aħjar.'

*"X'jiġifieri tilgħab bin-nejk?* Il-Lewża rrabja ġo fih. Irrealizza li kemm il-gowler u kemm id-difensur kienu mixtrija.

"Għaddew ftit minuti. It-tim tagħna qala' gowl u xi għaxar minuti wara qlajna ieħor. Il-Lewża deherlu li ż-żewġ gowls setgħu ġew evitati. Wara dan, meta r-riżultat kien tajjeb għal min kien mixtri, kemm il-gowler u kemm id-difensur tan-nofs lagħbu ħafna aħjar. Fit-tieni nofs tal-logħba t-tim tar-raħal qala' gowl ieħor. Fl-istess logħba, plejer ħabib tal-familja tiegħu ma bediex iqassamlu. Il-Lewża beda jiġri fl-ispazji miftuħa u dal-plejer, li kien magħruf bħala plejer fin,

beda jitfagħlu passaġġi mhux preċiżi jew inkella jdum ma jagħti l-pass biex il-Lewża jaqa' *offside*.

"Il-Lewża beda jiddejjaq bil-ħażen ta' madwaru. 'Mewt iva dnub le' kien jiftakar. Issa dal-kliem ta' San Duminku Savio beda jagħmel għalih aktar u aktar sens. Imma hu x'seta' jagħmel?"

"Imissu rrappurtahom," interrompieni Daniel; "Imissu kixifhom."

"Għalkemm hu kien ċert, ma kellux provi konkreti. Tiegħu kienu biss suspetti. Ġo fih bdiet tikber rabja. Dak li kien jisma' dwar ix-xiri meta kien iżgħar beda jarah biċ-ċar iseħħ madwaru."

"Imbagħad il-Lewża beda jkellem tfajla."

Daniel tbissem. Għajnejh kienu attenti fuq l-istorja.

"Fost il-ġimgħa kienu jmorru diversi nies, fosthom tfajliet, jaraw lit-tim jittrenja. It-tfajliet kellhom il-favoriti tagħhom. Fosthom kien hemm Victoria, li kellha grazzja mal-Lewża. Il-Lewża kien mistħi u dejjem kien moħħu fil-logħba biss u mhux fin-nies. Victoria kienet tmur kuljum. Kienu jiltaqgħu xi ħames jew sitt tfajliet dejjem fl-istess rokna. Uħud minnhom kienu għarajjes ta' xi plejers. L-oħrajn aspiranti.

"Darba minnhom, waqt logħba tat-trejning, il-ballun mar barra lejn in-naħa tat-tfajliet u l-Lewża inzerta l-aktar plejer viċin tagħhom. Victoria ġriet għall-ballun, newlitu lil-Lewża u qaltlu:

'Ħa, Mark, ħi, qalb ta' qalbi.'

Sħabha tbissmu. Il-Lewża tħawwad. *Mark? Fir-raħal kollu ommi u missieri biss isejħuli Mark* ħaseb. *Qalb ta' qalbi?*

"Tawwal idejh għall-ballun u ta ħarsa baxx baxx lejn Victoria. Tatu lura tbissima ta' ħafna tifsir. Il-Lewża qalilha grazzi bilkemm tinstema' u dar bħallikieku ma ġara xejn.

"Ipprova kieku jkompli jilgħab qisu qatt ma kien xejn, imma ... kif jista' jkun? Wara dik it-tbissima, il-'qalb ta' qalbi' u 'Mark' ma setax jibqa' kollox kif kien qabel. Victoria kienet rebħitu. Kif spiċċa t-trejning u l-plejers kienu ħadu xawer, il-Lewża kien għadu xi ftit mitluf. Ħareġ mid-*dressing room* u kif dar mal-kantuniera jara lil Victoria qed taħsel idejha bl-ilma li kien ħiereġ minn vit imwaħħal mal-ħajt. Uħud minn sħabha kienu magħha.

"Il-Lewża baxxa rasu u għadda minn ħdejn it-tfajliet. Victoria b'idejha jqattru xejrithom lejn il-Lewża u tefgħetlu xi qtar fuq wiċċu. Il-Lewża dar lejha bi tbissima

mistħija u reġa' sabha titbissimlu l-istess tbissima ta' qabel. Mifxul qalilha 'ċaw' u kien se jibqa' sejjer. Hi reġgħet farfret l-ilma li kien baqgħalha fuq il-pali ta' jdejha għal fuq wiċċu, imxiet mgħaġġla lejh u dawret idha x-xellugija mal-leminija tiegħu. Imbagħad faqqgħet daħka sabiħa u qaltlu:

'Mel' int hekk tagħmel?'

"U kompliet tkellmu qisha kienet ilha tafu s-snin. Qaltlu x'jisimha. Fl-aħħar qaltlu:

'Narak għada,' u qabel ħallietlu idu biex titlaq ma' sħabha tatu bewsa ħafifa fuq ġbinu. Minn taħt l-ilsien qalilha:

'Narak għada.'

"Baqgħu jaraw lil xulxin fil-jiem ta' wara. Hi kienet tmur tarah jittrenja u wara joqogħdu ftit flimkien. Kienu ftiehmu li l-Ħadd imorru jaraw film. Kellhom jiltaqgħu fis-sitta u nofs. Il-Ħadd, il-Lewża kellu logħba fil-ħdax ta' filgħodu u Victoria kellha tmur ma' sħabha tara l-logħba. Victoria kienet qalet lil-Lewża fejn toqgħod, fit-triq ta' wara l-għassa, bieb numru 27, dar bl-isem ta' 'Sebħ'. Kellha oħtha akbar minnha u ħuha iżgħar. Lil ħuha kien jafu di vista għax ġieli rah il-Mużew u anke l-grawnd imma lil oħtha ma kienx jafha.

"Il-Ħadd filgħodu qabel il-logħba ġara fatt li inkwetah ħafna. Kif kien il-każin ftit qabel ma l-plejers bdew ibiddlu, daħal tifel li l-Lewża ġieli rah imma ma kienx jaf min hu. Dan it-tifel mar fuq mejda u qal lil wieħed mill-plejers:

'Naf li int mixtri llum. Jew ittini ħames liri jew nikxfek.'

"Xi nies semgħuh u l-Lewża semgħu wkoll. Il-plejer faqqa' daħka u qallu biex jaħrab 'l hemm. Żewġ plejers oħra wkoll qalulu biex jagħlaqlu u ma jgħidx ċuċati.

"It-tifel warrab għal ftit minuti. Il-Lewża ħtieġlu jmur sat-tojlit u hemmhekk ra lit-tifel ta' qabel qed jirċievi ħames liri mingħand il-plejer li qabel kien għadu kif ġie akkużat mill-istess tifel. Għamel tabirruħu li ma ra u sema' xejn. Il-plejer imbagħad qal lit-tifel:

'Jekk terġa' tgħid kliem bħal dak noqtlok. Issa itlaq 'l hemm.'

"Il-Lewża tħawwad. Din korruzzjoni quddiem għajnejh. Beda jaħseb li din il-biċċa xogħol ma jistax iħalliha għaddejja u ma jikxifhiex għax inkella jkun kompliċi.

"Beda jaħseb li jmur l-għassa. Imm' issa? Ftit wara l-plejers kienu se jbiddlu u jmorru l-grawnd bil-prajvit. 'Mewt iva, dnub le.' Ħaseb li jmur wara l-logħba. Ħaseb f'Victoria, f'dik it-tbissima. Ħaseb fil-ħarsa tagħha, ħaseb f'għajnejha sbieħ,

ħaseb fid-daħka tagħha. Ħaseb f'din l-aħħar ġimgħa u ħaseb li din kienet l-isbaħ waħda ta' ħajtu. Min jaf x'tgħid Victoria jekk jikxef? Min jaf taħsibx li hu eroj? Min jaf taħsibx li hu baħnan? Victoria. 'Mewt iva dnub le.' Victoria. Ma jistax iħalli l-korruzzjoni għaddejja. F'moħħu u f'qalbu kellu miżien jitbandal 'l hawn u 'l hinn."

Daniel kien attent u xejn ma lissen.

"Ħaseb li issa ma jistax ma jitkellimx. Issa ra b'għajnejh u sema' b'widnejh. F'okkażjonijiet oħra kellu biss suspetti. Imma issa għandu l-provi. Ħaseb li forsi ma jemmnuhx. Hu biss kien rahom. Setgħu t-tnejn jgħidu li mhux veru. Tkun il-kelma ta' wieħed kontra l-kelma ta' tnejn. Kellu bżonn lil Victoria biex tgħidlu: 'Tibżax, agħmel kif temmen. Jiġri x'jiġri jien se nkun miegħek.' Imma Victoria ma kinitx hemm. U ma kienx jista' jgħid kif taħsibha.

"Għal-logħba l-Lewża beda mal-ewwel ħdax bħalma seħħ fl-aħħar logħbiet. It-tim ma bediex jilgħab tajjeb ħafna u l-Lewża ftit ingħata blalen. It-tim avversarju ma kienx mill-aqwa tal-kampjonat u s-sapporters stennew rebħa. Stennew rebħa anke għaliex kellhom lil-Lewża li kien f'forma tajba u kien qed jiskorja kważi f'kull logħba. Wara għoxrin minuta kwieti l-Lewża ngħata pass fjakk imma rnexxielu jiġri fuq il-ballun u jisforza xutt li għadda minn taħt idejn il-gowler avversarju. Gowl! It-tim tar-raħal kien mar minn fuq. Feraħ immens il-Lewża u għal ftit nesa l-ħsibijiet li kienu qed itaqqluh. Huwa ħares lejn Victoria u raha bilwieqfa ċċapċap. Ried jiskorja ieħor. Għal Victoria. Għaliha.

"Wara ftit minuti, f'azzjoni f'nofs il-grawnd il-Lewża ġie ffawljat bi *sliding tackle* xi ftit kattiva. Il-plejer li għamel il-fawl ġie muri l-karta s-safra. Hawn il-kowċ iddeċieda li jibdel lil-Lewża u minfloku daħħal plejer ieħor. Is-sapporters bdew jgħajtu u jipprotestaw. Il-kowċ kien bidlilhom l-aħjar plejer. Xi ftit qalu li l-kowċ għamel hekk biex jibża' għalih ma jmurx iweġġa' għaliex il-Ħadd ta' wara t-tim kellu logħba diffiċli. Instema' ftit għajjat ta' protesta imma kollox siket wara ftit minuti.

"Il-Lewża ħa għalih. Proprju dakinhar li kien hemm Victoria qalgħu. Reġa' għadda minn quddiem għajnejh kull dettall tat-tifel mal-mejda. Xi mkien ħdejn il-mejda kien hemm ukoll il-kowċ. *Kif jista' jkun?* beda jaħseb, *Kif jista' jkun?*

"Mewt iva dnub le," reġa' żaru dan il-ħsieb. Kien fid-dmir li jistqarr kollox u qalbu ssir nadifa u jkun rebaħ lilu nnifsu. Imur għand il-pulizija wara l-logħba. Imur l-għassa. Imma qabel, beda jaħseb, imur għand Victoria d-dar tagħha u jara kif taħsibha.

"Meta t-tim wasal il-każin, Victoria ma kinitx hemm. Il-Lewża telaq mill-ewwel għad-dar tagħha. Wara l-għassa, 27, 'Sebħ'. Meta wasal quddiem l-għassa kważi kien se jidħol imma l-ħsieb ta' Victoria ħaffiflu l-pass. Dar mal-kantuniera u ħares lejn in-numri fuq il-bibien. 'Sebħ', 27. Ċempel il-qanpiena. Kellu konfużjoni kbira f'rasu. Victoria. 'Mewt iva, dnub le.' Sema' passi u xħin infetaħ il-bieb ħa ħasda kbira. Fil-bieb kien hemm it-tifel li tħallas ħames liri biex ma jikxifx ix-xiri. Il-Lewża kważi ħassu ħażin. Imbagħad sema' leħen ta' mara tgħajjat:

'Victoria, tafdahx lil dak l-iskumnikat!'

"Imbagħad dehret Victoria, hi wkoll maħsuda, li ġiegħlet lit-tifel imur ħdejn in-nanna.

"Il-Lewża kien issummat u meta Victoria staqsietu x'ried qalilha:

'Illejla jimporta jekk niltaqgħu fis-sebgħa neqsin kwart flok fis-sitta u nofs?'

"Victoria tbissmitlu u faqqgħet dik id-daħka tagħha. 'Għal daqshekk qgħadt tiġi?' staqsietu.

'Niddejjaq inħalli lil min jistennieni,' weġibha.

'Orrajt,' qaltlu. 'Mela niltaqgħu llejla fejn ftehemna.'

"Staqsieha min kien dak it-tifel u qaltlu li dak hu t-tifel t'oħtha. Kien tifel bla missier. 'Storja twila,' qaltlu. 'Xi darba ngħidhielek.'

"Meta għalqet il-bieb, il-Lewża ħassu aktar konfuż minn qabel. Ħassu li tilef il-gwerra mal-ħażen tad-dinja. Issa żgur ma kienx se jmur għand il-pulizija. Ħass li ttradixxa l-prinċipji li ġie mgħallem. Victoria kienet serqitlu qalbu. Imma l-prinċipji huma prinċipji. 'Mewt iva, dnub le.' Hu kien qed jagħżel id-dnub tal-ħalq magħluq biex ma jmutx il-mewta li tbiegħdu minn Victoria.

"Hemm quddiem il-bieb ta' Victoria u l-familja tagħha, il-Lewża ħalef li jgħin lil dak it-tifel jaqbad it-triq it-tajba. Ir-riforma tat-tifel kienet saret il-ħolma ġdida tiegħu."

Waqaft għal ftit u qomt nixrob tazza ilma. Daniel staqsieni:

"Imbagħad?"

"Il-Lewża żamm kelmtu. Ħa ħsieb it-tifel. Ħa post missieru u kien iqatta' ħafna ħin miegħu. Oħt Victoria sabitu anġlu. Il-Lewża pprova jqabbadlu interess li jbiegħdu mill-każin tal-futbol għall-inqas sakemm kien għadu żgħir. Ipprova minn hawn u pprova minn hemm lit-tifel bdiet togħġbu t-tpinġija. Il-Lewża ħallaslu għall-privat u spjega lill-għalliem tiegħu s-sitwazzjoni li kien jinsab fiha. Bil-mod il-mod it-tifel għamel progress imdaqqas fl-iskola wkoll. Illum it-tifel sar pittur."

"Samuel Camilleri," qalli Daniel.

"Kollu kemm hu," weġibtu.

Daniel deher kuntent u l-idealiżmu tiegħu bħal xegħel fih. Hu kien qiegħed f'età li jrid jagħmel l-għażla għall-futur tiegħu.

Kultant kien jitla' fuq u joqgħod iħares lejn il-pittura ta' Samuel Camilleri.